# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Ottubru, 2024.**

**Numru 11**

**Rikors numru 502/22/1 TA**

**John Spiteri**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-attur minn sentenza mogħtija fit-18 ta' Jannar 2024, li permezz tagħha, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur bl-ispejjeż kollha a karigu tal-istess rikorrenti.

**Preliminari:**

**A. Fatti**

2. Nhar il-11 ta' Ġunju 2022, ir-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħall-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u dan abbażi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew maħruġ mill-Istat Taljan. L-Istat Malti ntalab iċedi lill-appellant lejn l-Italja sabiex l-appellant jaffaċċja proċeduri kriminali relatati ma' parteċipazzjoni f'kriminalità organizzata u traffikar ta' droga fit-territorju Taljan.

3. Fit-30 ta' Ġunju 2022, wara li ġie riskontrat difett proċedurali fil-proċeduri tal-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew, il-Qorti tal-Maġistrati ordnat il-ħelsien tar-rikorrent. Però, wara appell intavolat mill-Avukat Ġenerali minn tali deċiżjoni, il-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Awwissu 2022, laqgħet l-appell tal-Avukat Ġenerali, billi annullat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u bagħtet l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, sabiex tisma' u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid.

4. Sussegwentement, il-proċeduri għall-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew reġgħu bdew jinstemgħu mill-ġdid quddiem il-Qorti Rimandanti u kienu differiti għal deċiżjoni għall-24 ta' Awwissu 2022. Permezz ta' rikors urġenti preżentat nhar it-23 ta' Awwissu 2022, l-

appellant talab lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza. Fir-rikors tiegħu, l-appellant ġab a konjizzjoni tal-Qorti l-preokkupazzjonijiet serji tiegħu rigwardanti s-sitwazzjoni fil-ħabsijiet l-Italja. Talab illi f'każ li l-Qorti tal-Maġistrati tordna l-estradizzjoni tiegħu tiġi ordnata u tingħata garanzija mill-Istat Taljan li d-dritt tiegħu kontra trattament inuman u degradanti mhuwiex ser jiġi leż. In sostenn tas-sottomissjoni tiegħu, l-esponent iċċita diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem.

5. Il-Qorti Rimandanti kif presjeduta, ċaħdet din it-talba, u fl-24 ta' Awwissu 2022, ordnat l-estradizzjoni tal-appellant. L-appellant appella minn tali deċiżjoni iżda permezz ta' sentenza tal-20 ta' Settembru 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

**B. Proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali):**

6. Sussegwentement permezz ta' rikors intavolat nhar it-23 ta' Settembru 2023, l-appellant istitwixxa proċeduri kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fejn talab dikjarazzjoni illi l-estradizzjoni tiegħu lejn l-Italja tilledi jew x'aktarx ser tilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu hekk kif protetti taħt l-Artikoli 3, 6 u 7 tal-Konvenzjoni.

7. Permezz ta' risposta preżentata nhar l-1 ta' Novembru 2022, l-Avukat tal-Istat, eċċepixxa n-nuqqas ta' applikabbilità tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan peress li fi proċeduri ta' eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew ma tiġi determinata ebda akkuża kriminali fil-konfront tal-persuna konċernata u lanqas ma jiġu determinati d-drittijiet jew obbligi ċivili tal-istess persuna. Żied ukoll illi huwa ċar li bl-ilment tiegħu, ir-rikorrent qiegħed sempliċiment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti timponi l-opinjoni tagħha minflok dik espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali, meta l-unika analiżi li din il-Qorti għandha tagħmel huwa jekk ġewx, jew x'aktarx ser jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrent. B'referenza għall-allegat ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, l-Avukat tal-Istat sostna illi r-rikors promotur ma jissostanzjax l-allegazzjonijiet magħmula mir-rikorrenti u jinkombi fuqu juri kif, jekk jiġi estradit lejn l-Italja, ser isofri jew x'aktarx ser isofri ksur ta' dawn iż-żewġ artikoli. Fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, l-Avukat tal-Istat eċċepixxa illi l-appellant ma spjegax kif dan l-artikolu ġie leż.

8. B'sentenza datata 18 ta' Jannar 2024, l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-appellant, bl-ispejjes kontra l-istess appellant.

**C. Liġi applikabbli għall-*fattispecie* taċ-ċirkostanzi odjerni:**

**Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta**

**Artikolu 13**

*"13 (2) Għandu jingħata ma' kull talba magħmula għall-finijiet ta' dan l-artikolu f'isem xi pajjiż –*

*(a) fil-każ ta' persuna akkużata ta' reat, mandat għall-arrest tagħha maħruġ f'dak il-pajjiż;*

*(b) fil-kaz ta' persuna ħielsa kontra l-liġi wara li nstabet ħatja ta' reat; ċertifikat tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u tal-kundanna f'dak il-pajjiż, u dikjarazzjoni ta' kemm jekk ikun il-kaz, ġie skontat minn dik il-kundanna,*

*flimkien f'kull kaz, ma'*

*(i) il-partikolaritajiet tal-persuna li t-treġġigħ lura tagħha jkun mitlub, magħdud tagħrif biżżejjed biex jiġu stabbiliti l-identita' u n-nażżjonalita tagħha;*

*(ii) il-partikolaritajiet tal-fatti li fuqhom u tal-liġi li taħtha dik il-persuna tkun akkużata jew tkun instabet ħatja, id-deskrizzjoni legali tar-reat u kopja tal-legislazzjonjiiet relattivi jew (jekk dan ma jkunx prattikabbli) dikjarazzjoni dwar il-liġijiet rilevanti u (enfasi miżjuda tal-esponent)"*

## Artikolu 16

*"Meta persuna tintbagħat f'kustodja skont l-artikolu 15, il-qorti għandha, barra milli tgħarrafha li ma tkunx se titreġġa' lura qabel ma jgħaddu ħmistax-il jum mid-data tal-ordni ta' kustodja u li, ħlief fil-każ li tinbagħat taħt kustodja biex tistenna li titreġġa' lura taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(5), hi tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali, tgħarrafha wkoll illi, jekk jidhrilha li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1) u (2) tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-qorti, hija għandha jedd li titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ."*

## Liġi Sussidjarja 276.05

## Regolament 5

*"5. (1) Id-dispozizzjonijiet ta' din it-Taqsima japplikaw ghal kull mandat ta' arrest bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (2).*

*(2) Ir-riferenza għal mandat ta' arrest fis-subartikolu (1) hija riferenża għal mandat ta' arrest rilevanti għall-prosekuzzjoni jew mandat ta' arrest rilevanti wara sejbien ta' ħtija.*

*(3) Mandat ta' arrest rilevanti għall-prosekuzzjoni hu mandat maħruġ minn awtorita' gudizzjarja ta' pajjiż skedat u li jkun fih (a) id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (4), u (b) l-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (5).*

*(4) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (3)(a) hi waħda li l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat hija mfittxija fil-pajjiż skedat għall-finijiet tat tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali għall-għemil ta' reat imsemmi fil-mandat.*

*(5) L-lnformazzjoni hi –*

*(a) daqstant kemm japplika il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 13(2)(b)(i) u (ii) tal-Att rilevanti: Iżda dan il-paragrafu għandu jitqies li ġie mħares minkejja l-fatt li setgħet ma tkunx ġiet mogħtija kopja tal-liġijiet relattivi jew ta' dikjarazzjoni tal-liġi rilevanti:*

*(b) il-partikolaritajiet ta' kull mandat ieħor maħruġ fil-pajjiż rikjedenti għall-arrest: tal-persuna dwar ir-reat;*

*(c) il-partikolaritajiet tas-sentenza li tista' tingħata taħt il-liġi tal-pajiiż rikjedenti dwar ir-reat jekk il-persuna tinsab ħatja li tkun għamlet dak ir-reat:*

*(6) Mandat ta' arrest rilevanti wara sejbien ta' ħtija hu mandat maħruġ minn awtorità ġudizzjarja ta' pajjiż skedat u li jkun fih –*

*(a) id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartiklu (7), u*

*(b) l-informazzjoni msemmija fis-subartiklu (8).*

*(7) Id-dikjarazzjoni hi tali li –*

*(a) jiġi allegat li l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat tkun qegħda tiġġerra barra kontra l-liġi wara li tkun insabet ħatja ta' reat imsemmi fil-mandat minn qorti fil-pajjiż skedat, u*

*(b) il-mandat jinħarġ bil-għan ta' l-arrest u l-estradizzjoni tagħha lejn il-pajjiż skedat bil-għan li l-persuna tingħata sentenza għar-reat jew li tiskonta sentenza ta' priġunerija jew xi xort'oħra ta' detenzjoni li tingħata dwar ir-reat.*

*(8) L-informazzjoni hi –*

*(a) daqstant kemm japplika, il-partikolaritajiet imsemmija fis-subparagrafi (i) u (ii) ta’ l-artikolu 13(2)(b) ta’ l-Att rilevanti*

*(b) il-partikolaritajiet dwar is-sejbien ta’ ħtija*

*(c)il-partikolaritajiet ta’ kull mandat ieħor maħruġ fil-pajjiż rikjedenti għall-arrest ta’ persuna dwar ir-reat*

*(d) il-partikolaritajiet tas-sentenza li tista’ tingħata taħt il-liġi tal-pajjiż rikjedenti dwar ir-reat, jekk il-persuna ma tkunx ingħatat sentenza għal dak ir-reat*

*(e) il-partikolaritajiet tas-sentenza li tingħata taħt il-liġi tal-pajjiz rikjedenti dwar ir-reat, jekk il-persuna tkun ingħatat sentenza għar-reat.”*

**Regolament 10**

*“10. (1) Dan l-artikolu japplika jekk (a) persuna arrestata bis-saħħa ta' mandat imsemmi fl-artikolu 5, tinġieb quddiem il-qorti taħt l-artikolu 8(4), jew (b) persuna tiġi arrestata taħt l-artikolu 9 u dan isir konformement mal-artikolu 9(3),*

*(2) Il-qorti għandha tiddeċiedi jekk il-persuna li tinġieb quddiemha tkunx il-persuna li dwarha –*

*(a) ikun inħareġ il-mandat imsemmi fis-subartikolu (1)(a), jew*

*(b) ikun inħareġ il-mandat imsemmi fl-artikolu 9(3).*

*(3) Il-qorti għandha tiddeċiedi l-kwistjoni fis-subartiklu (2) skond bilanċ tal-probabbiltajiet.*

*(4) Jekk il-qorti tiddeċiedi billi tiċħad il-kwistjoni fis-subartiklu (2), il-qorti għandha tordna l-ħelsien ta’ dik il-persuna.*

*(5) Jekk il-qorti tiddeċiedi billi tilqa’ dik il-kwistjoni, hija għandha tmexxi taħt l-artiklu 11.”*

**D. L-Appell:**

9. L-attur ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni u intavola appell nhar is-6 ta’ Frar 2024 u talab lil din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi: “

(i) tannulla jew tħassar is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-18 ta' Jannar 2024 u tirrimanda l-atti lura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) sabiex terġa' titratta u tiddeċiedi l-kawża skont il-liġi; jew alternattivament (ii) tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-18 ta' Jannar 2024 u tilqa' t-talbiet kif dedotti minnu fir-rikors promotur u dan bl-ispejjeż taż-żewg istanzi kontra l-istess intimat appellat."

10. L-Avukat tal-Istat wieġeb għall-appell tar-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2024 u *inter alia* rrileva illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija waħda ekwa u ġusta u timmerita li tiġi konfermata *in toto.* Fir-rigward l-ewwel aggravju tal-appellant jirrileva illi l-appellant baqa' ma speċifikax f'liema *forum* il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ġie leż, jew jista' jiġi leż u saħaq illi huwa ben stabbilit illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jsibx applikazzjoni fil-kuntest ta' proċeduri ta' estradizzjoni. Jisħaq illi dak li ttenta jagħmel l-appellant huwa li jitlob eżami mill-ġdid tal-argumenti li diġà tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti tal-Appell Kriminali. Żied ukoll illi fir-rigward it-tielet aggravju, l-appellant ma pprova xejn mill-biżgħat tiegħu u għalhekk il-biża' tal-appellant li ser ibati leżjoni tal-protezzjoni garantita bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni mhix fondata.

11. L-appellant fir-rikors tal-appell iddikjara illi huwa interpona dana l-appell limitatament fir-rigward tal-lanjanzi dwar l-Artikoli 3 u 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

*L-Ewwel Aggravju:*

12. Permezz tal-ewwel aggravju, l-appellant jisħaq illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha applikat il-liġi ħażin meta kkonkludiet illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea huwa assolutament inapplikabbli għall-proċeduri ta' estradizzjoni. Konsegwenza ta' dan, il-lanjanza miġjuba fir-rigward tal-imsemmi artikolu ma ġietx approfondita mill-Ewwel Qorti. Spjega illi jeżistu ċirkostanzi kif ġara fil-passat, fejn l-estradizzjoni ġiet rifjutata abbażi ta' difetti proċedurali li jikkozzaw mal-garanziji tal-Artikolu 6. Jirrileva illi l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem bħall-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, ukoll tipprovdi illi mandat ta' arrest Ewropew jista' jiġi rifjutat meta l-eżekuzzjoni tiegħu tista' tammonta għall-*flagrant denial of justice*, u dan għandu jiġi determinat skont il-każ u abbażi taċ-ċirkostanzi allegati, evalwazzjoni li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel. Illi għalhekk talab illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi annullata jew mħassra b'dana illi l-atti għandhom jiġu mibgħuta lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawża terġa' tiġi deċiża fuq il-mertu ta' din il-lanjanza taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

13. B'referenza għall-ewwel aggravju, l-Avukat tal-Istat issottolinea punt li kien ukoll osservat mill-Ewwel Qorti, illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent mhuwiex ċar għal liema Qorti qiegħed jirreferi, jekk hux għall-Qorti Maltija jew Taljana. Dan il-punt huwa fundamentali għaliex l-argument tal-appellant dwar il-biża' li ssir *a flagrant denial of justice* fil-konfront tiegħu tiddependi ħafna fuq din id-distinzjoni li l-appellant konvenjentement qiegħed jevita li jagħmel. Madankollu l-Avukat tal-Istat isostni illi minn qari tat-tieni aggravju jirriżulta illi effettivament, l-ilment huwa fir-rigward ta' kif tmexxew il-proceduri quddiem il-Qrati Maltin.

14. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rigward dan il-punt:

> *"13. Min-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ma hux ċar għal liema Qorti qiegħed jirreferi, jekk hux dik Maltija jew Taljana. Imma fi kwalunkwe każ, minn eżami tal-istat tas-Sentenzi tal-ECHR dan l-artikolu ma hux applikabbli għall-każ ta' trasferiment jew estradizzjoni ta' persuna lejn pajjiż ieħor. F'dan ir-rigward intqal li "the Court notes that, in general, exclusion orders are not classified as criminal within the member States of the Council of Europe. Such orders, which in most States may also be made by the administrative authorities, constitute a special preventive measure for the purposes of immigration control and do not concern the determination of a criminal charge against the applicant for the purposes of Article 6 § 1. The fact that they are imposed in the context of criminal proceedings cannot alter their essentially preventive nature. It follows that proceedings for rescission of such measures cannot be regarded as being in the criminal sphere either" (Ara Maaouia v. France [GC], 2000, § 39). Fis-Sentenza fl-ismijiet Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), 2002 dik il-Qorti irribadit dan il-prinċipju meta qalet li "Par ailleurs, la procédure d'extradition ne porte pas contestation sur les droits et obligations de caractère civil du requérant, ni sur le bien-fondé d'une accusation en matière pénale dirigée contre lui au sens de l'article 6 de la Convention". U li kieku dan ma kienx biżżejjed il-Qorti għal darba oħra affermat li "With regard to the applicant's complaints under Article 6 of the Convention, the Court reiterates at the outset that the right not to be extradited is not as Rik.*

*Nru. 502/22TA 17 such one of the rights and freedoms recognised in the Convention and its additional Protocols" (Ara Monedero Angora v. Spain (dec.), 2008).*

*14. F'dan ir-rigward il-Qorti taqbel ma dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija -vs- John Spiteri ċitata mill-partijiet f'din ilproċedura u ċioe' li "l-persuna rikjesta jkollha d-drittijiet kollha tagħha li tiddefendi lilha nnifisha quddiem il-Qrati tal-pajjiż li jkun qed jitlob iċċediment tagħha fejn allura l-prinċipji ta' garanzija tal-proċedura kriminali kollha mħaddna minn dak il-pajjiż tal-Unjoni Ewropea jkunu applikabbli favur tagħha in bażi għall-prinċipju tal-ekwivalenza: sies ieħor li tistrieħ fuqu s-sistema tal-mandat tal-arrest Ewropew".*

*15. Wara kollox l-Italja, pajjiż kommunitarju, huwa aderenti kemm għallKonvenzjoni Ewropeja u kif ukoll għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem Ewropeja. Ma hemm xejn xi jżomm lir-rikorrent li darba jkun quddiem il-Qorti Taljana li jissolleva kwalunwke ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu.*

*16. Għalhekk l-ilment taħt dan l-artikolu ser ikun miċħud."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

15. Din il-Qorti tosserva li b'dan l-aggravju, ir-rikorrent qiegħed jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat dwar l-applikabbilità *o meno* tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-każ.

16. Il-Qorti ta' Strasburgu kif ġia ngħad dejjem fil-prinċipju rriteniet illi l-materja ta' estradizzjoni:

*"…the Court reiterates at the outset that the right not to be extradited is not as such one of the rights and freedoms recognised in the Convention and its additional Protocols (see K. and F. v. the Netherlands, no. 12543/86, Commission decision of 2 December 1986, Decisions and Reports 51, p. 272). Furthermore, the extradition procedure does not involve the determination of the applicant's civil rights and obligations or of a criminal charge against him within the meaning of Article 6 of the Convention (see Peñafiel Salgado v. Spain (dec.), no. 65964/01, 16 April 2002). In view of the extracts from the statement of reasons of Law 3/2003 set out in the "Relevant*

> *domestic law" part, the Court notes that the European arrest warrant procedure replaces the standard extradition procedure between member States of the European Union and pursues the same aim, namely the surrender to the authorities of the applicant State of a person who is suspected of having committed an offence or who is trying to escape justice after having been convicted by a final decision. Execution of a European arrest warrant is, in fact, practically automatic; the judicial authority does not carry out a fresh examination of the warrant in order to check that it conforms to its own domestic law, and will only refuse its execution for reasons laid down by the Law.*
>
> *It follows from the above, analysed in the light of the case-law of the Court, that this procedure does not concern the determination of a criminal charge. Accordingly, this part of the application is incompatible ratione materiae with the provisions of the Convention within the meaning of Article 35 § 3, and must be rejected pursuant to Article 35 § 4."*[1]

17. Din ilha l-pożizzjoni adottata mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem in materja sa mis-sena 2002, u ċjoè mid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet ***f'Perafiel Salgado v. Spain*** deċiża nhar is-16 ta' April 2002. Sussegwentement din il-linja ta' ħsieb ġiet ukoll implimentata *inter alia* f'***Trabelsi v. Belgium****,* deċiża nhar l-4 ta' Settembru 2014, u aktar riċenti f'deċiżjoni kontra l-Istat Ungeriż, ***Melvin West v. Hungary*** deċiża nhar il-25 ta' Ġunju 2019.

18. In sostenn tal-argument tiegħu l-appellant esebixxa, fl-atti ta' dan l-appell, is-sentenza fl-ismijiet: ***Colin John Trundell v. Onorevoli Ministru tal-Affarijiet Barranin et***[2] deċiża fit-12 ta' April 1991 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Qorti rriteniet illi, il-garanziji kostituzzjonali jsibu applikabbilità fi proċeduri ta'

---

[1] Ara **Monedero Angora v. Spain** deċiża nhar is-7 ta' Ottubru 2008.
[2] Ara sentenza *a fol. 343 et seq*. tal-atti.

estradizzjoni u dan *tramite* l-Artikolu 16 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Tenniet illi din id-dispożizzjoni hija biżżejjed biex telimina l-eċċezzjoni tal-intimati u ċjoè dik illi persuna li tkun soġġetta għall-proċeduri ta' estradizzjoni mhix protetta minn dak li jipprovdu l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti f'din is-sentenza affermat illi l-liġi timponi fuq il-maġistrat inkwirenti l-obbligu li javża lil kull min ikun soġġett għall-proċeduri ta' estradizzjoni, bid-drittijiet u garanziji kostituzzjonali, propju għaliex dawn japplikaw kollha kemm huma f'tali proċedura.

19. Din il-Qorti tosserva illi l-Artikolu 16 tal-Kap 276, aktar kmieni ċitat, jimponi obbligu fuq il-Qorti Rimandanti illi tgħarraf lill-persuna li għandha quddiemha illi jekk dik l-istess persuna jidhrilha illi xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 10(1) u (2) tkun ġiet miksura jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi miksura hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-qorti, dik il-persuna għandha jedd li titlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ. Dana l-artikolu ġie wkoll reż applikabbli għall-proċeduri ta' eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew bis-saħħa tar-regolament 25 tal-Ordni.

20. Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti kif presjeduta illi dak illi jipprovdi l-Artikolu 16 tal-Kap 276 huwa **biss il-konferma tad-dritt ta' rimedju** f'ċirkostanzi fejn persuna jidhrilha illi għandha tressaq ilment ta' indoli kostituzzjonali u/jew konvenzjonali wara li dik il-persuna tkun ġiet soġġettata għall-proċeduri ta' estradizzjoni. Isegwi għalhekk illi mbagħad sta għal dak il-korp ġudizzjarju li, skont l-ordinament ġuridiku Malti għandu l-kompetenza li jeżamina ilmenti ta' din in-natura, li effettivament jiddetermina l-applikabbilità *o meno* tal-protezzjoni u garanziji vantati, għall-*fattispecie* partikolari tal-każ, kif wara kollox isir dejjem fi proċeduri quddiem din il-Qorti. Ir-rimedju konvenzjonali hu miftuħ anki mingħajr mal-akkużat jiġi mgħarraf b'dan id-dritt skont dan l-artikolu u fil-fatt l-appellant uza r-rimedju mogħti kif jidher mill-atti ta' din il-kawża għalkemm mhux neċessarjament kull artikolu tal-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni jsibu applikazzjoni għall-każ.

21. Kif tajjeb rilevat minn entrambi partijiet, huwa minnu li l-Qorti ta' Strasburgu introduċiet il-kunċett ta' "*flagrant denial of a fair hearing*", kunċett li ssemma fid-deċiżjoni fl-ismijiet: ***Soering v. United Kingdom,*** deċiża fl-1989. Il-Qorti rriteniet illi:

> *"The Court does not exclude that an issue might exceptionally be raised under Article 6 (art. 6) by an extradition decision in circumstances where the fugitive has suffered or risks suffering a flagrant denial of a fair trial in* ***the requesting country. (Enfazi ta' din il-Qorti)*** *However, the facts of the present case do not disclose such a risk.*
>
> *Accordingly, no issue arises under Article 6 § 3 (c) (art. 6-3-c) in this respect."*

22. Illi f'***Mamatkulov and Askarov v. Turkey***, il-Qorti kkonfermat il-prinċipju minnha enunċjat f'***Soering v. UK***. Illi sussegwentement fis-sentenza fl-ismijiet: ***Saadi v. Italy*** deċiża mill-Qorti Ewropea nhar it-28 ta' Frar 2008, l-applikant *inter alia* allega illi l-proċeduri kriminali miġjuba kontrih fit-Tuneżija, ma kinux ġusti, u l-espulsjoni tiegħu kienet ser tpoġġih f'riskju ta' "*a flagrant denial of justice.*" Il-Qorti rriteniet illi l-ilment tal-applikant:

> *"The Court notes that this complaint is not manifestly ill-founded within the meaning of Article 35 § 3 of the Convention. It further notes that it is not inadmissible on any other grounds. It must therefore be declared admissible."*

23. Illi però, il-Qorti sussegwentement ikkonkludiet ukoll illi:

> *"The Court recalls its finding that the deportation of the applicant to Tunisia would constitute a violation of Article 3 of the Convention (see paragraph 149 above). Having no reason to doubt that the Government will comply with the present judgment, it considers that it is not necessary to decide the hypothetical question whether, in the event of expulsion to Tunisia, there would also be a violation of Article 6 of the Convention."*

24. Illi ***f'Al Saadoon and Mufdhi v. United Kingdom*** deċiża nhar it-2 ta' Marzu 2010, il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *"149. In Mamatkulov and Askarov (cited above, §§ 90 and 91), the Grand Chamber confirmed the principle first laid down in Soering (cited above, § 113), that an issue might exceptionally be raised under Article 6 by an extradition decision in circumstances where the fugitive had suffered or risked suffering a flagrant denial of a fair trial in the requesting country. As with cases under Article 3, the Court considers that, where the removal has already taken place, the existence of the risk of a flagrant breach of Article 6 must be assessed primarily with reference to those facts which were known or ought to have been*

*known to the Contracting State at the time of removal, although the Court is not precluded from having regard to information which comes to light subsequently (see paragraph 125 above).*

*150. However, in the present case the Court accepts the national courts' finding that, at the date of transfer, it was not established that the applicants would risk a flagrantly unfair trial before the IHT. Now that the trial has taken place, there is no evidence before the Court to cast doubt on that assessment. It follows that the Court finds no violation of Article 6 of the Convention."*

25. Din il-Qorti tqis illi minn dak li jirriżulta mir-rikors tal-appell, l-ilment tal-attur hu marbut mal-biża' tiegħu li jekk jiġi estradit lejn l-Italja mhux ser jingħata smigħ xieraq. Din il-prova għandha u kellha tinġieb mill-appellant quddiem l-Ewwel Qorti. Is-sentenza kkwotata minnu tirreferi għall-każ fejn it-Tribunal li quddiemha kellu jidher l-akkużat jekk estradit ma kienx wieħed indipendenti. F'dan il-każ ebda prova ma saret li l-Qorti Taljana ma kinitx ser tagħtih smigħ xieraq, iktar u iktar meta l-applikabbilità tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni f'dawn iċ-ċirkostanżi hi ta' natura eċċezzjonali u milqugħa biss fejn ser ikun hemm '*a flagrant denial of a fair trial*'.

26. Illi għalhekk huwa evidenti, illi dan l-aggravju mhuwiex fondat *stante* illi l-Artikolu 6 ma jsibx applikazzjoni f'dan il-każ.

*It-Tieni Aggravju:*

27. Permezz tat-tieni aggravju, u b'rabta mal-aggravju preċedenti, l-appellant jilmenta illi l-Ewwel Qorti qatt ma għamlet approfondiment tal-argument tiegħu illi l-Istat Taljan ma forna l-ebda fatt li jorbot lill-appellant

mar-reat indikat fil-mandat ta' arrest Ewropew, b'dana illi l-appellant ġie inkarċerat u ser jaffaċċja inkarċerazzjoni u proċedimenti ġewwa l-Italja b'mod arbitrarju. Iżid illi l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew irid jissodisfa diversi kweżiti s*ine qua non*, fosthom, jeħtieġ illi jintwera li l-persuna indikata fil-mandat, hija l-persuna li dwarha jeżisti suspett raġjonevoli li wettqet l-allegati reati. Jirrileva wkoll illi l-fatti u d-dettalji hekk kif indikati fil-Mandat ta' Arrest Ewropew ma jagħmlu l-ebda referenza għall-appellant.

28. L-Avukat tal-Istat bi tweġiba għal dan l-aggravju, jirribatti illi huwa evidenti anke tenut kont tal-kuntest li fih l-appellant fassal l-ewwel aggravju tiegħu, li l-appellant qiegħed jargumenta illi hu ma ngħatax smigħ xieraq mill-Qrati Kriminali domestiċi, li ddeterminaw l-eżekuzzjoni tal-estradizzjoni tiegħu. L-Avukat tal-Istat filwaqt illi jirribadixxi illi l-proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew mhumiex koperti bil-garanziji tal-Artikolu 6, u tali aggravju jista' jiġi miċħud abbażi ta' dan il-punt biss, mingħajr preġudizzju għas-suespost, iżid illi fi kwalunkwe każ, il-Qrati b'setgħat kostituzzjonali mhumiex intenzjonati sabiex iservu bħala xi forma ta' appell u li l-kwistjonijiet imressqa permezz ta' dan l-aggravju, diġà ġew indirizzati mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti u mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

29. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward:

*"Il-Qorti ma fehmitx taħt liema mill-artikoli tal-konvenzjoni qiegħed jivventila dan l-ilment. Taħt artikolu 3 żgur li le. Taħt artikolu 7 żgur li le u taħt artikolu 6 ma jistax ikun, għaliex kif diġa' spjegat aktar 'l fuq dan lartikolu ma hux applikabbli għall-estradizzjonijiet. Dan l-aspett ġie approfondit kemm mill-Qorti tal-Maġistrati u kif ukoll mill-Qorti tal-Appell.*

*33. Meta r-rikorrent ressaq rapprezentant tal-Istatistika biex jixhed li f'Malta hawn 119 bl-isem ta' John Spiteri (a' fol 42 tergo u 43 u 44), huwa ċar li b'din il-prova qiegħed iqanqal l-aspett ta' "possible mistaken identity" la tant hawn persuni bl-istess isem u kunjom tar-rikorrent. Imma ma jistax ikun li dawn kollha għandhom l-istess data tat-twelid u l-istess numru tal-passaport jew l-ID Card, talinqas din il-prova ma nġabitx.*

*34. Kif qalet ben tajjeb il-Qorti tal-Appell Kriminali li "l-kwistjoni dwar jekk fil-fatt dik il-persuna li tkun inġiebet quddiemha tkunx l-istess persuna li verament tkun wettqet id-delitt li għalih tkun imfitxija jew tkunx persuna kompletament estraneja għat-twettieq tad-delitt, hija kwistjoni li tkun trid tiġi deċiża mill-Qorti Barranija li quddiemha jkun irid jinstema' l-każ, in bażi għall-provi li jitresqu quddiem dik il-Qorti" għalkemm irid jingħad, li dik il-Qorti għarblet ukoll il-fatti li kellha quddiemha f'dan ir-rigward.*

*35. Fl-aħħar nett il-Qorti tfakkar, li din il-Qorti ma tistax tiġi adita biex tgħid jekk Qorti iddeċieditx tajjeb jew le. F'dan l-ilment dak li qiegħed jitlob r-rikorrent u din il-Qorti ma hiex waħda ta' Kassazzjoni jew it-tielet istanza ta' appell."*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

30. F'dan l-aggravju l-appellant qed jistieden lill-Qorti biex titħarreġ jekk hemmx l-elementi li ssemmi d-Deċiżjoni Kwadru f'Artikolu 8(a) biex tiġi ordnata l-estradizzjoni. Dan l-eżerċizzju għandu jsir quddiem il-Qorti Kriminali. Jekk wieħed jaqra s-sentenza tal-Qorti Kriminali, daħlet fid-dettall dwar l-identità tal-persuna akkużata b'reat fl-Italja u l-involviment tiegħu fir-reat/reati attribwiti lilu, fosthom xiri tad-droga marijuana biex tiġi traffikata f'Malta.

31. Din il-Qorti tinnota illi permezz ta' dan l-aggravju, l-appellant effettivament ittenta jerġa' jikseb apprezzament mill-ġdid tal-kontestazzjoni tiegħu fir-rigward tan-*nexus* bejn l-appellant *qua* persuna li ser tiġi estradita u l-fatti li fuqhom intalbet l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Arrest Ewropew. Minn qari tas-sentenzi tal-Qorti Rimandanti u dik tal-Qorti tal-Appell, jirriżulta ċar illi l-Qrati Kriminali fis-sentenzi rispettivi tagħhom għamlu analiżi studjata, tal-kweżiti *sine qua non* li għandhom jiġu sodisfatti għall-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew u dan *ai termini* tad-dispożizzjonijiet relattivi tal-Ordni msemmija iktar 'il fuq f'din is-sentenza.

32. Illi għalhekk dan it-tieni aggravju qiegħed ukoll jiġi respint.

*It-Tielet Aggravju:*

33. Permezz tat-tielet aggravju, l-appellant jikkontendi illi l-Ewwel Qorti naqset għalkollox milli tapplika l-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea fir-rigward ir-riskju ta' trattament inuman minħabba kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Italja *stante* li fil-fehma tal-appellant huwa fatt indiskuss illi l-Istat Taljan huwa persistenti fit-trattament inuman tal-priġuniera tiegħu, u dan jirriżulta bl-aktar mod ċar minn sensiela ta' vjolazzjonijiet tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, partikolarment minħabba l-

problema kbira ta' *overcrowding.* Żied illi l-Ewwel Qorti naqset milli tapplika l-prinċipji fl-*Aranyosi Test* fil-konsiderazzjonijiet tagħha u li l-garanzija bil-kundizzjonijiet kif ordnata mill-Qorti tal-Appell Kriminali baqgħet ma ngħatatx mill-Istat Taljan. Afferma wkoll illi d-dokument ippreżentat waqt is-seduta tat-13 ta' Lulju 2023 ma indirizzax fatti relevanti bħad-dimensjonijiet taċ-ċelel u r-reġim tal-ħabs. Illi għalhekk il-garanzija mibgħuta mill-Istat Taljan ma tistax titqies suffiċjenti għall-finijiet tal-Artikolu 3.

34. L-Avukat tal-Istat wieġeb għal dana l-aggravju u spjega illi din il-materja diġà ġiet mistħarġa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni studjata tagħha u ben motivata, fejn ġiet ċitata l-ġurisprudenza rilevanti u fil-fatt anke ċċitat mis-sentenza *Aranyosi u Caldararu* indikata mill-appellant stess. Afferma illi l-appellant ma pprova xejn mill-biżgħat tiegħu, u permezz tas-sentenzi ċitati mill-istess appellant kontra l-istat Taljan, l-appellant ittenta jpinġi stampa qarrieqa tas-sitwazzjoni reali fl-Italja.

35. Fir-rigward, l-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti kostatazzjonijiet:

> *"21. Dan l-ilment bħal donnu kien an afterthought meta l-kwistjoni kienet għadha quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Dan qiegħed jingħad, peress li minn qari tas-Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja tal-11 ta' Ġunju 2022 ma jirriżultax li l-aggravju ta' trattament bi ksur tal-artikolu 3 tal-konvenzjoni ġie imqanqal tempestivament qabel mal-Kawża tħalliet għas-Sentenza. Kif anke jirriżulta mir-rikors tal-appell lill-Qorti tal-Appell Kriminali. Kien biss wara li l-ewwel Qorti ħalliet il-Kawża għas-Sentenza li r-rikorrent għamel rikors għas-sospensjoni tas-Sentenza minħabba s-sitwazzjoni fil-ħabsijiet taljani. Il-Qorti tal-Appell Kriminali xorta trattat dan il-punt kif fil-fatt kien mistħoqq.*

*Omissis*

*27. Ir-rikorrent saħaq ħafna biex l-Istat taljan jagħti garanzija li ser ikunu mħarsa d-drittijiet tar-rikorrent b'rispett lejn artikolu 3 tal-Konvenzjoni. L-ewwel Qorti ċaħditha mentri l-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet din it-talba. Di fatti din il-garanzija tinsab immarkata bħala Dok AG7 fil-proċess tal-Appell Kriminali. Fiha hemm elenkat kif ser jinżamm ir-rikorrent. Minkejja li r-rikorrent jiddiskriviha bħala waħda konfużjonali u ġenerika, din il-Qorti jidhrilha mod ieħor. Fiha hemm mhux anqas minn 9 deskrizzjonijiet ta' kif ser jinżamm ir-rikorrent. B'dana kollu, oħroġ ilgħaġeb, ir-rikorrent talab l-isfilż ta' dan id-dokument jew sabiex il-Qorti ma tagħtix każhu (ara a' fol 481 tal-Proċess Kriminali). Il-Qorti ma hiex ċerta, jekk ir-rikorrent għamilx dan ir-rikors għax tassew kien jistħoqqlu jkun sfilżat id-dokument jew għaliex ma riedx li jġib il-kontenut tiegħu a' konjizzjoni tal-Qorti.*

*Omissis*

*29. Issa fir-rigward tal-garanzija mogħtija mill-Istat Taljan din il-Qorti ssib li din hija adegwata u li r-rikorrent ma rnexxilux iġib provi biżżejjed biex din il-Qorti tasal għall-konklużjoni b'serenita' li d-drittijiet tar-rikorrent ser ikunu leżi. Anzi minn dak li qal l-imsemmi Dr Mario Spiteri ssaħħaħ il-fehma tagħha li dak li ingħad fil-garanzija huwa minnu. F'ħabs ma għandu jkun hemm qatt u taħt ebda ċirkostanza, trattament inuman jew degradanti tal-priġunier. Minn naħa l-oħra l-anqas huwa mistenni li dak li jkun isib il-kumdita' li għandu f'daru. F'ħabs hemm ċirkostanzi estraneji li kemm l-Amministrazzjoni tal-ħabs u kif ukoll l-Istat involut ma għandhomx kontroll fuqhom u l-aħjar ħaġa għandha dejjem tkun, li tevita li tintbagħat hemm minħabba l-kondotta xejn tajba tiegħek.*

*30. Fl-aħħar nett dwar dan l-ilment, il-Qorti ma tistax ma ssemmix, li r-rikorrent għamel referenza għal sentenza tal-Qorti ta' Catania tat-3 ta' Lulju 2023 fejn dik il-Qorti ċaħdet talba ta' estradizzjoni ta' persuna lejn Malta għaliex skont dik il-Qorti il-ħabsijiet Maltin ma joffrux kundizzjonijiet Rik. Nru. 502/22TA 23 adegwati (a' fol 255 u 257). Ergo, dan ifisser, li l-ħabsijiet Taljani aħjar minn dawk Maltin. Għalhekk anke dan l-ilment qiegħed ikun miċħud".*

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:

36. Din il-Qorti tirribadixxi illi l-garanzija kontra t-tortura jew trattament, jew piena inumana jew degradanti hija sagrosanta. L-obbligu assolut ta'

Stat li jipproteġi kull individwu taħt il-ġurisidizzjoni tiegħu minn tali trattament huwa inkontestat. Fil-fatt fid-dritt internazzjonali dan huwa magħruf bħala *peremptory norm* jew *jus cogens,* u ċjoè norma internazzjonali illi ma tagħraf l-ebda deroga. Inoltre din il-projibizzjoni hija waħda mill-ftit illi joħolqu obbligazzjonijiet *erga omnes* għal kull Stat, u ċjoè obbligazzjoni li Stat għandu fil-konfront tal-komunità internazzjonali sħiħa.[3]

37. *Ormai* huwa ben aċċettat illi fi proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew il-punt tat-tluq għall-Qorti Maltija, bħal kull Qorti Rimandanti oħra fl-Unjoni Ewropea huwa li teżegwixxi l-Mandat tal-Arrest Ewropew maħruġ mill-Awtoritajiet Ġudizzjarji ta' Stat ieħor tal-Unjoni Ewropea. Qorti Rimandanti ma teżegwix dak il-mandat biss f'każ li jkun hemm xi raġuni għal rifjut imsemmi fid-Deċiżjoni Kwadru, raġunijiet li huma speċifiċi u limitati. Fin-nuqqas, il-presunzjoni hija favur l-eżegwibilta' tal-Mandat tal-Arrest Ewropew, b'dana illi l-persuna rikjesta jkollha d-dritt li tiddefendi lilha nnifisha quddiem il-Qrati tal-pajjiż li jkun qed jitlob iċ-ċediment tagħha, fejn allura l-prinċipji ta' garanzija tal-proċeduri kriminali kollha mħaddna minn dak il-pajjiż tal-Unjoni Ewropea jkunu applikabbli favur tagħha in bażi għall-prinċipju tal-ekwivalenza, sies ieħor li fuqu tistrieħ is-sistema tal-Mandat tal-Arrest Ewropew.

[3] Ara **Prosecutor v. Anto Furundzija**, ICTY Decision of December 1998, par. 151; I.C.J. Reports, 1970, Barcelona Traction, Light and Power Company, Limited (**Belgium v. Spain**) (1962–1970), Second Phase, Judgment, I.C.J Reports 1970.

38. Però intwera wkoll illi l-liġi Ewropea li tirregola l-eżekuzzjoni tal-Mandat tal-Arrest Ewropew hija strument dinamiku, strument li għadu jevolvi u jiżviluppa. *Nonostante* li d-Deċiżjoni Kwadru tikkontempla lista ta' raġunijiet eżawrenti għar-rifjut tal-eżekuzzjoni ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-każijiet konġunti **Aranyosi u Căldăraru,**[4] spalankat il-bieb għal dik li kummentaturi u ġuristi Ewropej qegħdin jirreferu għaliha bħala l-"*fundamental rights defence*", li għalkemm mhix raġuni espliċitament imsemmija fid-Deċiżjoni Kwadru bħala raġuni li fuqha l-istat Rikjedent għandu s-setgħa li jiċħad talba għall-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, affermat illi jekk fil-prattika jkunu jeżistu l-estremi msemmija f'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Istat Rikjest għandha s-setgħa li ma teżegwix il-Mandat ta' Arrest Ewropew. Din is-sentenza naturalment, ġiet interpretata minn uħud bħala bidla fid-direzzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minn sentenzi precedenti tagħha bħal Melloni jew Radu. Il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja kienu wkoll kritikati inkwantu ma ngħatax każ tal-fatt li d-Deċiżjoni Kwadru timponi termini qosra ta' żmien li fihom il-proċedura tal-Mandat ta' Arrest Ewropew għandha tiġi eżegwita.

[4] Ara deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' April 2016, fejn ġew magħqudin il-każijiet C-404/15 Aranyosi u C-659/15 PPU, Căldăraru.

39. Minkejja li l-Qorti ħadet direzzjoni diversa, minn dik li possibbilment kienet oriġinarjament konċepita, il-Qorti tal-Ġustizzja ***f'Aranyosi u Căldăraru*** xorta waħda affermat l-importanza tal-premessa numru 10 tad-Deċiżjoni Kwadru, u ċjoè li l-mekkaniżmu tal-Mandat ta' Arrest Ewropew hu bbażat fuq livell għoli ta' koperazzjoni bejn l-Istati Membri u li l-implimentazzjoni tiegħu tista' tiġi sospiża biss f'każ ta' ksur serju u persistenti minn Stat Membru tal-valuri kkontemplati mit-Trattat tal-Unjoni Ewropea u skont il-proċedura prevista mill-Artikolu 7 tal-istess trattat. Għalhekk sakemm iseħħu dawn il-kundizzjonijiet, l-Istat ta' eżekuzzjoni ma jistax, fil-prinċipju, jinħeles mill-obbligu tal-konsenja billi jistrieħ fuq allegat periklu ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna rikjesta fl-Istat li joħroġ il-Mandat ta' Arrest Ewropew. Tali rifjut ikun qiegħed ixejjen il-preżunzjoni tar-rispett reċiproku lejn id-deċiżjonijiet ġudizjarji tal-Istati Membri l-oħra.

40. ***F'Aranyosi u Căldăraru,*** il-Qorti saħqet fuq il-fatt li l-Artikolu 51(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jeħtieġ li l-istati Membri jirrispettaw din il-Karta meta jimplimentaw id-Dritt Ewropew, inkluż l-Artikolu 4 dwar il-projbizzjoni ta' trattament jew piena inumana u degradanti, li ġie interpretat bħala jedd fundamentali assolut. Għal dan il-għan il-Qorti stabbiliet test li l-Awtoritajiet Ġudizzjarji li jkunu qegħdin jeżegwixxu l-mandat tal-arrest Ewropew iridu josservaw, u ċjoè: (i) jikkunsidraw evidenza dwar il-kwistjoni tan-nuqqasijiet jew defiċjenzi fil-

kondizzjonijiet ġenerali tad-detenzjoni fl-istat membru li jkun qiegħed joħroġ il-mandat t'arrest Ewropew; kif ukoll (ii) ir-riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti li l-persuna rikjesta tista' ssofri fil-każ li t-talba għat-treġġiegħ tagħha lejn l-istat rikjedent tiġi milqugħa; u (iii) jekk wara konsultazzjoni mal-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-Istat rikjedent ma jirriżultax li r-riskju ta' vjolazzjoni tal-jeddijiet tal-bniedem ikunu jistgħu jiġu megħluba fi żmien raġonevoli, l-Awtoritajiet Ġudizzjarji tal-Istat Rikjest ikunu mbagħad iridu jieħdu deċiżjoni dwar jekk il-proċedura ta' ċediment għandhiex tiġi posposta.

41. F'***Dorobantu***[5] il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għamlet approfondiment aktar dettaljat dwar x'tip ta' kondizzjonijiet minimi għandhom jiġu provduti minn Stat biex detenzjoni tkun tista' titqies bħala li tissodisfa t-test tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti ddeċiediet illi l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Kwadru, moqri flimkien mal-Artikolu 4 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li meta l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jkollu informazzjoni li tkun oġġettiva, affidabbli, speċifika u aġġornata li turi li hemm nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fil-kundizzjonijiet tad-detenzjoni fl-Istat Membru emittenti, għandha tqis l-aspetti fiżiċi rilevanti kollha tal-kondizzjonijiet fl-istitut

[5] Ara C-128/18 fl-imsijiet: Dorobantu deċiża mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-15 ta' Ottubru 2019.

karċerarju li fih il-persuna tkun detenuta, *ad exemplum*, l-ispazju personali disponibbli għal kull detenut, kundizzjonijiet sanitarji, libertà ta' moviment fil-ħabs etc.

42. Din il-valutazzjoni m'għandhiex tkun limitata għar-reviżjoni ta' insuffiċjenzi ovvji iżda minflok, l-Istat Membru mitlub jeżegwixxi l-mandat għandu jitlob lill-Istat Membru emittenti l-informazzjoni meħtieġa għal tali valutazzjoni, u fin-nuqqas ta' informazzjoni rigwardanti l-kondizzjonijiet ta' detenzjoni, għandu joqgħod fuq l-assigurazzjonijiet mogħtija mill-awtorità ġudizzjarja emittenti. Ġie wkoll ritenut illi din il-valutazzjoni għandha tkun limitata għall-kondizzjonijiet tal-istitut karċerarju li fih l-estradant ser ikun detenut jew jista' jkun detenut, sabiex il-mandat ta' arrest jiġi determinat fil-ħin.

43. Il-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea f'din il-materja tbegħdet ukoll mil-livell ta' prova adottata mill-Qorti ta' Strasburgu. Filwaqt li l-Qorti Ewropea, fl-istħarriġ tagħha tal-evidenza abbażi ta' liema hija tikkonkludi jekk kienx hemm vjolazzjoni tal-protezzjonijiet garantiti bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, tistrieħ fuq l-istandard ta' prova lil hinn minn kull dubju raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat standard ta' prova ben divers. Fl-opinjoni mogħtija minn Advocate General Sharpston fil-kawża ***Ministerul Public v. Radu,*** Sharpston argumentat illi l-kriterju ta' *beyond reasonable doubt* adottat mill-ECHR huwa oneruż iżżejjed għall-individwu kkonċernat

għaliex fil-prattika dan jista' jkun impossibbli biex jiġi sodisfatt. Għalhekk tenniet illi l-eżami appożitu għandu jkun illi l-persuna li tagħha ntalbet l-estradizzjoni: *"…must persuade the decision-maker that his objections to the transfer are substantially well founded."* [6] Fil-fatt il-livell probatorju ta' *substantially well-founded* huwa l-livell probatorju adoperat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kif anke jidher ***f'Aranyosi.***

44. Illi għalhekk dak li jrid jiġi determinat huwa jekk: (1) tressqux provi li huma "*objective, reliable, specific and properly updated"* fir-rigward tal-kondizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Italja li juru li hemm nuqqasijiet sistematiċi jew ġenerali li jaffettwaw gruppi ta' nies jew ċertu postijiet ta' detenzjoni; u jekk (2) l-appellant ipprovax illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu jeżistu "*substantial grounds to believe"* illi minħabba dawn il-kondizzjonijiet, huwa ser ikun espost għal riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti jekk jiġi estradiet lejn l-Italja.

45. L-Ewwel Qorti bbażat il-konklużjonijiet tagħha fuq is-segwenti fatturi prinċipali: (i) ir-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa, tal-*European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or Punishment* dwar l-istat tal-ħabsijiet fl-Italja, ippublikat nhar l-24 ta' Marzu 2023 (*vide fol. 47 tal-atti);* (ii) id-dokument mibgħut mill-Awtoritajiet Taljani dwar il-Ħabs ta' Catania, preżentat fil-mori tal-Appell

[6] Opinjoni tat-18 ta' Ottubru 2012, fil-każ C-396/11 (**Ministerul Public v. Radu**), paras. 76-77.

Kriminali, preżentat quddiem l-Ewwel Qorti mix-xhud Dr Maria Baldacchino, *contact point* tal-Istat Malta fil-*Eurojust* u datat 19 ta' Diċembru 2022 *(vide fol. 242),* (iii) il-garanzija li tinsab immarkata bħala Dok AG7 fil-proċess tal-Appell Kriminali (iv) ix-xhieda ta' Dr Mario Spiteri, Avukat fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, *European Affairs u Legal Research Unit* (*vide* testimonjanza *a fol. 245 et seq tal-atti)* (iv) sentenza tal-Qorti ta' Catania tat-3 ta' Lulju 2023 fl-ismijiet *Lo Presti Sandro* fejn dik il-Qorti ċaħdet talba ta' estradizzjoni ta' persuna lejn Malta għaliex skont dik il-Qorti l-ħabsijiet Maltin ma joffrux kundizzjonijiet adegwati (*vide* fol. 257 *et seq*.).

46. Illi minn eżami tal-atti jidher illi r-rikorrenti għamel ukoll referenza għal sensiela ta' deċiżjonijiet mogħtija kontra l-Istat Taljan, fejn l-istat Taljan kien in vjolazzjoni tal-protezzjoni sanċita fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni, u żewġ sentenzi oħra mogħtija minn din il-Qorti (*vide nota fl-atti tal-appell tas-16 ta' Lulju 2024),* digriet tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Rimandanti tal-24 ta' Mejju 2024 fl-ismijiet ***il-Pulizija v. Gianluca Caruso*** u sensiela ta' rapporti oħra u opinjonijiet legali relatati mal-materja in deżamina *(vide fol. 47 et seq tal-atti),* u kif ukoll rapport ulterjuri bl-isem *"Living space per prisoner in prison establishments: CPT Standards"* preżentat fl-atti tal-appell.

47. Din il-Qorti għarblet bir-reqqa l-atti u ma tarax li hemm raġuni valida li għaliha għandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, u dana *stante* li fuq il-provi li kellha quddiemha, setgħet raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

48. Fir-rigward il-garanziji mogħtija mill-Istat Taljan, din il-Qorti ma tistax ma tistaqsix għalfejn intalab l-isfilz ta' tali garanzija da parti tal-appellant mill-atti tal-proċeduri fil-konfront tiegħu? Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-garanziji mogħtija mill-Istat Taljan; kemm dik esebita fl-atti tal-Appell Kriminali (Dok AG7 a fol. 479 u 480.) u anke dik esebita quddiem l-Ewwel Qorti, mix-xhud Dr Maria Baldacchino, *contact point* tal-Istat Malta fil-*Eurojust* u datat 19 ta' Diċembru 2022 *(vide fol. 242).* Fir-rigward il-garanzija esebita fl-atti tal-Appell Kriminali, din il-Qorti rat illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ukoll għamlet l-approfondiment tagħha u bħall-Ewwel Qorti waslet għall-istess konklużjoni fejn qieset li kienet sodisfatta bil-garanziji mogħtija.

49. Id-dikjarazzjoni datata 5 ta' Settembru 2022 hija ffirmata minn Stefano Opilio, Direttur Ġenerali, tad-Direzione Generale degli Affari Internazionali e della Cooperazione Giudiziaria fil-Ministero della Giustizia tar-Repubblika tal-Italja u kienet trasmessa lill-Istat Malti *tramite* l-*Eurojust*. Permezz ta' dan id-dokument l-Istat Taljan impenja ruħhu li b'riferenza għall-appellant u għall-każ tal-appellant, l-Istat Taljan ta

garanzija lill-Istat Malti kemm b'mod ġenerali u kif ukoll garanzija speċjali. /F'dan id-dokument ġie ddikjarat is-segwenti:

> *Please be assured that in the event the Court of Criminal Appeal upholds the decision of the First Court and SPITERI John is subsequently extradited to Italy, he would be detained in a framework which promotes and respects the conditions provided for in Article 4 of the European Convention of Human Rights.. …/… Please note that at present all the Italian penitentiary institutions do comply with the provisions of Article 3 of the European Convention on Human Rights based on the interpretation by the EctHR.*

50. Apparti din il-garanzija ġenerika, din il-Qorti rat ukoll illi l-Istat Taljan intrabat ukoll illi:

> *"Please be assured that if SPITERI John is surrendered, he will not risk being exposed to any inhuman or degrading treatment pursuant to Article 4 of the Charter of Fundamental Rights of the European Union and that the prison where she (sic! he) is going to serve his sentence will be specified as soon as a decision is made on the procedure for his surrender to Italy. It is worth pointing out that at all times during her (sic! his) detention, SPITERI John will be afforded a minimum of 3 square metres of personal space. If surrendered, SPITERI John will:*
>
> *(a) Be kept in a prison with adequate sanitary conditions;*
> *(b) Have access to natural light and artificial lighting and ventilation;*
> *(c) Be provided with clean mattresses and bedding;*
> *(d) Be provided with adequate and partitioned toilet facilities;*
> *(e) Have access to basic hygene products;*
> *(f) Have outdoor exercise;*
> *(g) Be provided with satisfactory food;*
> *(h) Adequate room temperature;*
> *(i) The medical condition of SPITERI John, psychological and physical, will be assessed and adequate treatment will be afforded to her (sic! him)"*

51. Dawn tal-aħħar huma garanziji speċifiċi, li jiffukaw fuq kundizzjonijiet u aspetti speċifiċi tal-post tad-detenzjoni u li l-Istat Taljan iddikjara li qiegħed jiggarantixxi, li fil-konfront tal-appellant sejjer iwettaq

dawk il-garanziji u dan *a prescindere* ta' fejn l-appellant sejjer ikun miżmum. Dawn il-kundizzjonijiet fil-fatt huma wkoll bosta mill-kundizzjonijiet li kemm il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u kif ukoll il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea saħqu fuqhom.

52. Ukoll, permezz tal-garanzija esebita quddiem l-Ewwel Qorti mix-xhud Dr Maria Baldacchino, *contact point* tal-Istat Malta fil-*Eurojust* u datat 19 ta' Diċembru 2022 *(vide fol. 242),* l-awtoritajiet Taljani spjegaw illi fl-eventwalità li l-appellant jiġi estradit, permezz ta' titjira tal-ajru, huwa jasal l-Ajruport ta' Fiumicino f'Ruma, u temporanjament sejjer ikun miżmum fil-faċilità ta' Regina Coeli f'Ruma, b'dana illi minn hemm ikun imbagħad trasferit lejn facilità oħra f'Catania fi Piazza Lanza u dan minħabba kwistjonijiet ta' ġurisdizzjoni. Fir-rigward din l-aħħar faċilità, l-awtoritajiet Taljani spjegaw:

> *"The Prison of Catania- Piazza Lanza is located in the centre of the city and may be easily reached also by public transport. In it there are no detainees with a space of less than 3 square meters each there are no farming type spaces… the sanitary services which include a shower, are located inside the detention room but placed in a separate space with a door… the national health service operates in compliance with the law overhauling peniterntiary medicine and esures a health service that meets the health needs of detainees and inmates who have access to medical treatments, any treatment and cure that may need while in detention should treatments or tests be required that cannot be done by the health services inside the prison, detainees may be transferred toe xternal diagnostic or treatment facilities. Detainees may also be examined at their expense by a doctor of choice."*

53. L-appellant jargumenta illi l-Istat Malti fuq rikjesta tal-Awtoritajiet Taljani fil-każ ta' *Lo Presti Sandro* fornew ħafna aktar dettall minn dak

fornuti mill-Istat Taljan fil-każ odjern, u minkejja tali dettal, il-Qorti Taljana xorta waħda rrifjutat li ċċedi lill-imsemmi Lo Presti. Mis-sentenza esebita jidher illi kienet il-Qorti Taljana illi talbet informazzjoni ulterjuri lill-Istat Malti f'żewġ okkażżjonijiet. B'referenza għall-kondizzjonijiet ta' detenzjoni f'Malta, jidher illi l-awtoritajiet Maltin provdew is-segwenti informazzjoni:

> *"ogni nuovo detenuto viene trattenuto nella Sesta Divisione presso la Struttura Corradino, per essere tenuto ivi sotto osservazione ai fini di una valutazione delle condizioni sanitari, stabilita' mentali, temperament e tratti caretteriali, e altri fattori necessary per determinare il benessere e la sicurezza sia dei nuovi detenuti ammessi che degli altri detenuti e/o impiegati gia presenti nella struttura. Riferiva inoltre che ogni cella nella Divisione 6 ha una dimesione di dodici piedi per otto piedi e per nove piedi, mentre alcune cella nella medesima divisione hannot le dimesnioni di dodici piedi per dodici piedi e per nove piedi e che in ogni cella vi e un letto singolo u on letto a castello con due letti. Le celle si presnetano con finestre alte, muri spessie con uno stato di ritenzione dell acqua in ragione del material, il calcare maltese, che e stato utilizzato per la construzione di tutta la struttura carceraria. Aggiuneve l-autorita' maltese che ogni cella e attrezzata con un ventilator elettrico in plastic, ed ha un sistema di sorveglianza a circuito chiuso nonce un sistema di chimata di intervento medico…*
>
> *Presso la detta divisione vi e inoltre una struttura con le docce proprie.*
>
> *… l'autorita' giudiziaria maltese informava che tuttle le celle possono essere singole o doppie a seconda del paina e della popolazione e che le misure in precedenza fornite erano state calcolate sena rredi; aggiungeva che il movimento consentito ai detenuti fuori dalla celle avviena dalla ore 08:00-12:00 e dale ore 14:00alle ore 19:30 salvo che per li reparti con meno benefici per motivi di condotta."*

54. Il-Qorti tagħraf illi mill-korp ta' din is-sentenza jidher illi ċertu informazzjoni li ngħatat mill-Istat Malti ngħatat wara pressjoni mill-Qorti Taljana. Skont is-sentenza esebita, din il-Qorti jirriżultalha illi l-informazjoni oriġinarjament mibgħuta mill-Istat Malti "*faceva pervenire delle informazioni parziale*". Illi għalhekk jista' jagħti l-kas illi ċertu

informazzjoni speċifika ġiet fornita għaliex proprju ntalbet mill-Qorti Taljana. Tosserva illi ħafna mill-informazzjoni provduta mill-Istat Malti lill-Qorti Taljana essenzjalment hija simili għal dik fornita mill-Istat Taljan fil-każ inkwistjoni. Filwaqt illi din il-Qorti tikkonċedi illi l-Istat Taljan ma speċifikax id-dimensjonijiet taċ-ċella, afferma illi din mhix inqas minn tliet metri kwadri l-waħda, illi s-servizzi sanitarji jinsabu fiċ-ċella f'spazju separat u magħluq b'bieb. Provdew ukoll informazzjoni dettaljata tas-servizzi mediċi a dispożizzjoni, aspett li ma jidhirx illi kien indirizzat mill-Istat Malti fil-kawża ta' *Lo Presti*, u ġew ukoll indikati numru ta' attivitajiet edukattivi u sportivi preżenti fil-faċilita.'

55. Filwaqt illi qiegħed jiġi osservat illi dak sostnut mill-appellant inkwantu l-awtoritajiet Taljani naqsu milli jindikaw f'liema faċilità l-appellant ser ikun qiegħed jiġi detenut fl-eventwalità li jkun estradit lejn l-Italja mhuwiex minnu, kif jirriżulta pależement mid-dokument *a fol. 242*, din il-Qorti bħall-Ewwel Qorti u l-Qorti tal-Appell Kriminali hija tal-fehma illi din it-tip ta' garanzija speċifika taqa' fil-parametri ta' dak previst f'Generalstaatsanwaltschaf.[7] Illi ġaladarba ngħatat din it-tip ta' assikurazzjoni huwa issa mistenni illi l-Istat Taljan iżomm dan l-impenn.

56. Ir-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa, tal-*European Committee for the Prevention of Torture and Inhuman or Degrading Treatment or*

[7] Kawża numru 220/18 PPU tal-25 ta' Lulju 2018.

*Punishment*, ma jinkludix studju dwar il-faċilità ta' Catania iżda jipprovdi informazzjoni dwar il-faċilità f'Ruma fejn possibbilment l-appellant jista' jinżamm proviżorjament pendenti t-trasferiment tiegħu f'Catania. Filwaqt illi huwa minnu li l-problema ta' *over crowding* hija problema li għadha teżisti fil-ħabsijiet Taljani, minn riċerka li għamlet din il-Qorti jidher illi din hija problema li ġiet riskontrata f'diversi pajjiżi oħra madwar l-Ewropa, inkluż Ċipru, Slovenia, Franza, Belġju, u r-Romanija.[8]-

57. Ir-rapport jissenjala diversi oqsma jew aspetti fejn l-Istat Taljan jista' u għandu jtejjeb is-sitwazzjoni fil-ħabsijiet tiegħu. Fil-fatt ir-rapport jindika sensiela ta' rakkomandazzjonijiet f'dan is-sens. Il-Qorti tagħraf illi għalkemm ir-rapport jissottolinja ċertu nuqqasijiet, ifaħħar is-servizzi mediċi offruti fil-ħabsijiet, speċjalment is-servizzi provduti lill-persuni li jabbużaw minn sustanżi illeċiti, u jfaħħar ukoll il-fatt li dawn is-servizzi ġew estiżi anke għal min jagħmel abbuż minn sostanzi legali, u anke għall-persuni *b'behavioral addictions*.[9] Rat ukoll illi d-delegazzjoni ma sabet l-ebda indikazzjoni ta' dak li hija tiddeskrivi bħala: *"excessive resort to disciplinary sanctions (including solitary confinement) in any of the prisons visited."*[10] Din il-Qorti sabet ukoll illi sa issa qatt ma skattaw proċeduri abbażi tal-Artikolu 10(2) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-

---

[8] Ara Council of Europe: Overcrowding in prison remains an issue" Gunju 2024 ippublikat fis-sit tal-Universita degli Studi li Padova [https://unipd-centrodirittiumani.it/en/news/Council-of-Europe-overcrowding-in-prison-remains-an-issue/6967#:~:text=According%20to%20the%20Council%20of,their%20prisons%20are%20severely%20overcrowded.]
[9] *Vide* paġna 48 tar-Rapport tac-CPT.
[10] *Ibid* 55.

Prevenzjoni tat-Tortura u Trattament Inuman jew Degredanti kontra l-Istat Taljan.

58. B'referenza għas-sentenzi ċitati mill-appellant, din il-Qorti tagħraf illi hija biss is-sentenza fl-ismijiet: ***Cirino e Renne kontra l-Istat Taljan***[11], fejn il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, effettivament sabet illi kien hemm vjolazzjoni lampanti tal-Artikolu 3:

> *"86. In view of the above, the Court is persuaded that the treatment to which the applicants were subjected attained the level of severity required to bring the impugned conduct within the scope of Article 3, and that it amounted to torture.*
>
> *87. There has accordingly been a violation of Article 3 of the Convention in its substantive aspect."*

59. Rat ukoll illi l-każijiet l-oħra ċitati mill-appellanti jirrigwardaw nuqqasijiet da parti tal-istat fl-investigazzjonijiet mill-forzi tal-ordni,[12] ċirkostanzi personali ta' saħħa fiżika u/jew mentali tad-detenuti,[13] u atti ta' vjolenza kommessi minn pulizija waqt l-arrest.[14] Din il-Qorti tosserva wkoll illi minkejja li l-appellant ilu snin jivventila dawn il-preokkupazzjonijiet tiegħu, dan l-ilment ma jistrieħ fuq xejn għajr suppożizzjonijiet li mhuma korraborati minn l-ebda provi konkreti. L-appellant jiċċita l-kawża fl-ismijiet: ***Angelo Frank Paul Spiteri v. L-Avukat Generali,*** deċiża minn din il-Qorti nhar it-18 ta' Lulju 2017. F'din is-sentenza, l-appellant Spiteri xehed u spjega illi meta l-pulizija tal-Litwanja ħaduh biex ikellmuh bħala

[11] Deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem nhar is-26 ta' Ottubru 2017.
[12] **DeGiorgi v. Italy** 16 June 2022, **Knox v. Italy** 24 ta' Jannar 2019, **Talpis v. Italy** 2nd March 2017.
[13] **SY v. Italy**, **Provenzano v. Italy**, **Vc v. Italy**.
[14] **Azzolina et v. L-Italja Pennino v. Italy**.

xhud, kienu immanetjawh, xeħtuh ġo van u sawtuh u interrogawh mingħajr il-preżenza ta' avukat. Xehed ukoll illi kienu żammewh imsakkar f'ċella ta' ċirca 3mx5m għal jumejn flimkien ma' sitt persuni ohra mingħajr ilma. Spiteri kien anke ressaq rapport ta' espert legali mil-Litwanja li xehed dwar il-kondizzjonijiet ta' detenzjoni fir-*remand prisons,* provi illi ma tressqux fil-każ in diżamina mill-appellant.

60. Illi għalhekk din il-Qorti ma tqisx illi l-appellant irnexxilu jipprova illi jeżistu *substantial grounds to believe* illi huwa ser ikun espost għal riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti jekk jiġi estradit lejn l-Italja. L-oneru tal-prova kontra d-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Awtoritajiet Taljani qiegħda fuq l-appellant u din il-prova ma saritx.

61. Illi għalhekk dana l-aggravju qiegħed ukoll jigi miċħud.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell fl-intier tiegħu u tordna illi l-ispejjez ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm